KUNSILL LOKALI KALKARA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 1/2023

19 ta' Jannar 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-10:30 ta' filghodu.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

### Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

1.1 **<u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Ma kellniex.

1.2 **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti</u>**

1.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 12.22 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

1.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-sinjur Vincent Bongailas u ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop il-minuti ġew approvati unanimament

1.3 **<u>Punti mill-Minuti Preċedenti :</u>**

**A. Punt 12.3.3.Servizz E-Van**

Is-servizz beda nhar id-9 ta' Jannar 2023 u s'issa kellna anke appuntamenti minn l-istess nies dan anke juri l-effiċjenza ta' servizz ġdid lejn ir-residenti Kalkariżi. Kellna bejn wieħed u ieħor 6 appuntamenti sa issa. Is-Sindku qal illi huwa kuntent kif inhu qed jimxi dan is -servizz allavolja kienet xi ħaġa ġdida għal kulħadd inkluż għal amministrazzjoni u għal ġestjoni tal-appuntamenti. Is-Sur Chris Bruno ssuġġerixxa illi jekk xi talbiet jidħlu l-kunsill abbażi ta' dak li forsi ma ġiex diskuss qabel inbeda dan is-servizz għandhom jiġu nnutati biex wieħed ikollu ċ-ċans jerġa' jiddiskuti talbiet barra minn dawk li huma kkonfermati abbażi ta' kif ħa jaħdem dan is-servizz.

**B. Punt 12.3.4.Kalkara Fun Walk**

Is-Sur Sindku nforma l-kunsill kemm jinsab kuntent illi bi ftit xogħol il-kunsill irnexxielu jaħdem bi sħiħ mal-Kapuċċini biex finalment saret din il-mixja b'suċċess b'attendenza mhux ftit allavolja forsi saret fi żmien ta' wara l-festi u dak li jkun ikun qisu xeba minn ċerti attivitajiet pero' ġbidna ħabel wieħed u hawnhekk ukoll wieħed jinnota l-entużjażmu tar-residenti illi ġew u mxew din il-mixja magħna abbażi ta' ħidma kontinwa mill-kapuċċini biex jgħinu lill-familji fil-bżonn mill-Kalkara stess. Is-Sindku nforma l-kunsill illi s-somma miġbura kienet ta' €840 fejn meta wieħed jaqta' l-ftit spejjeż li kellu bħal printing ta' t-shirts u affarijibet żgħar oħra finalment ser inkunu qed ngħaddu s-somma sabiħa ta' €700 lill-komunita' tal-Kapuċċini flimkien ma' 'voucher' / 'token' minn fliexken tal-plastic li nġabru matul il-mixja ta' €3.20 fuq ukoll suġġeriment u ħidma tal-kunsilliera Maria Sultana matul il-mixja li ħadet ħsieb li jinġabru l-fliexken tal-plastic. Is-Sindku żied jgħid illi wieħed għandu jikkonsidra jżomm din l-attivita' xi ħaġa ta' kull sena l-għaliex hija xi ħaġa sabiħa illi bħala komunita' nibdew is-sena flimkien.

**C. Punt 12.3.4.NYE fil-Kottonera**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi dan l-avveniment allavolja kien tal-ewwel, l-attendenza kienet waħda tajba ħafna. Tajjeb ukoll isemmi illi bħala Kunsill Lokali ma ħariġx l-ebda flus għaliha. Is-Sindku wkoll żied jgħid illi diġa' qed jinħolqu meetings għat-tieni avveniment bi premura li forsi terġa' ssir kif saret anka forsi aħjar għax wieħed dejjem ikollu lwok li jitgħallem u jirranġa dak li forsi seta' jsir aħjar. Is-Sindku semma wkoll illi diġa' hemm anke il-Gvern Ċentrali nteressat li jagħti s-support tiegħu għal avveniment ta' din is-sena la darba jiġi deċiż li jerġa' jsir kif fil-verita' l-ħsieb diġa' hemmhekk qiegħed.

Is-Sindku nnota illi hija xi ħaġa ta' unur u sabiħa illi fil-Kottonera jkun hawn avveniment bħal dan li jibqa' jikber għal benefiċċju tan-nies fi żmenijiet ta' festi fejn wieħed għandu għażla oħra fejn jiċċelebra l-ewwel tas-Sena f'post ġdid.

### D. Punt 12.4.4.C. Ġbir ta' skart

Is-Sindku għadda xi punti fuq l-iskeda ġdida ta' ġbir tal-iskart ġdida li bdiet nazzjonalment minn din is-sena fejn ukoll saħaq illi l-problemi l-Kalkara kienu ftit. Is-Sindku qal illi meta jgħid li l-problemi kienu ftit, kienu l-veru ftit fejn lokalitajiet oħra madwar Malta u Ghawdex. Qed jiġu impustati noti mill-kunsill stess fejn wieħed qed jara illi xi ħadd ħareġ borża mhux skedata għal ġbir f'dik il-ġurnata stess biex b'hekk inqajmu wkoll għarfien minn kulħadd biex il-Kalkara tinżamm nadifa kemm jista' jkun. Tajjeb ukoll li wieħed jgħid illi l-maġġoranza tar-residenti kkoperaw ferm ma' din l-iskeda l-ġdida. Kien ukoll pjan tajjeb illi bħala kunsill imxejna id f'id mal-ħaddiema li anke minnhom daħlu mil-leave tal-festi tal-Milied biex tqassmu fuljetti bieb bieb b'informazzjoni fuq l-istess skeda. Dan ukoll għamel effett biex kellna riżultati pożittivi fuq din il-kwistjoni. Is-Sindku qal illi xorta għad hemm affarijiet li jinsab iddizżapuntat fuqhom fosthom li sal-ġurnata tal-lum għadna ma nafux kemm ser inħallsu aħna bħala kunsill tal-ġbir. Fuq il-ġbir kummerċjali tal-ħwienet li għandna fil-lokal u affarijiet amministrattivi oħra li sal-lum għad m'għandiex informazzjoni konkreta fuqom. Din hija xi haga nazzjonali u mhux xi ħaġa tal-Kunsill Kalkara biss.

Vince Bongailas xtaq jiġbed l-attenzjoni rigward il-boroż suwed li forsi qed jitħallew onsite mill-kuntrattur. Is-Sindku nforma lis-Sur Bongailas illi l-

kuntrattur mhux obbligat jiġbor dawn il-boroż barra l-iskeda. Is-Sur Bongailas saħaq illi dan l-iskart qed jinħoloq minn ħaddiema stess li qed jaħdmu fil-proġett tax-Xatt u dan l-ilment għandu jintbgħat lill-persuni kkonċernati fuq dan l-istess proġett.

Is-Sinjura Maria Sultana nnutat il-problema ta' skart li jiġi ġġenerat fl-iskola. Is-Sindku qal illi l-iskart tal-iskola ħa jibqa' jinġabar normali.

Is-Sindku żied jgħid illi bħala kunsill ser ikollna problema rigward l-iskips li hawn fil-lokal anke ħabba l-fatt illi l-prassi Nazzjonali hija li l-iskips jitneħħew mil-lokalitajiet għas-sena 2023 u li sa issa ma nafux kemm ser inħallsu tagħhom. Is-Sindku qal illi way forward il-kunsill irid jaħseb għal 'fazing out' ta' dawn l-iskips li għad hawn madwar il-lokal. Qiegħedin ukoll niġu kritikati l-għaliex il-messaġġ ta' skips fil-lokal ma jgħidx biex wieħed jirriċikla kif suppost u kif mistenni minn kulħadd nazzjonali.

## 1.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

### A Performance Appraisals – Segretarju Eżekuttiv u ħaddiema

Is-Sur Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-Performance Bonus tal-impjegati:

i. Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv 10%
ii. Maria Camilleri – Clerk 6%
iii. Deemer Bilocca – Clerk 6%
iv. Martin Meilaq – Handyman 6%
v. Brian Loffreda – Contracts Manager 6%

Is-Sindku Wayne Aquilina ppropona u l-Viċi Sindku Vincent Bongailas ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva li jitħallsu l-bonuses bir-rati ndikati ħdejn kull isem hawn fuq.

**B Ingagg ta' Impjieg- Contracts Manager-** Is-Seg Eżek spjegat illi fil-ġranet li għaddew saret l-interview formali lis-Sur Brian Loffreda li seta japplika internament għal din is-sejħa u skond il-board appuntat mill-kunsill stess qed jirrakomanda illi din il-persuna hija idonja għal din is-sejħa.

Wara li l-kunsill qabel unanimament fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-board is-Seg qalet illi ser tkun qed tipprepara fil-ġranet li ġejjin il-kuntratt il-ġdid kif ukoll tieħu ħsieb li hemm bżonn biex finalment jinbeda dan il-kuntratt hekk kif stipulat mil-liġi.

**C Festa Ċitru**

Is-Sindku qal illi wara li s-sena l-oħra daħlet fil-kalendarju tal-kunsill din l-attivita' din is-sena ser issir ukoll nhar il-Ħadd 29 ta' Jannar 2023 fi ġnien rnella.

Is sindku qal ili diga beda jahdem fuq il logistika ta din lattivita biex sa din il gurnata skedata ikollna attivita ohra imtella mil kunsill

**D EWWR rapport** – Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li għaddew kien ħejja rapport konklużiv fejn ukoll is-Seg Eżek ħadet ħsieb li tibgħatu lill-awtorita' kkonċernata biex ukoll bħala kunsill jidħol fiċ-ċans li jirbaħ il-premju ta' €1000 abbażi ta' din l-inizjattiva' li tant bħala kunsill ħdimna għaliha u kienet waħda ta' suċċess.

E Boroż organiċi l-kunsill qabel unanimament illi għandu jittella' post formali fuq il-midja soċjali tal-kunsill biex ir-residenti ikunu jafu illi l-kunsill għandu ammont ta' boroż organiċi li jistgħu jinġabru għal benefiċċju tagħhom. Tajjeb li wieħed jgħid illi l-ammont mibgħut mill-awtorita' ma jkoprix ir-residenzi kollha tal-Kalkara. Il-biċċa tax-xogħol ser tkun waħda 'on first come first served'.

## 1.5 Korrispondenza:

### A. Ismijiet tat-Toroq- it-Tieni Fażi

Is-Sindku nforma l-kunsill illi l-kumitat Ismijiet tat-toroq aċċetta s-submissjonijiet kollha li kienu diġa' ġew diskussi u approvati waqt seduta oħra.

Is-Sindku reġa' żied jgħid illi wieħed irid jifhem illi din m'hijiex deċiżjoni popolari mar-residenti u jifhem illi forsi skariġġ pero' tajjeb li dan isir biex jitneħħew anomaliji li hawn fil-lokal bħal numri ta' bibien u ismijiet ta' toroq

oħra li f'każ ta' inċident jew tiġi maħruġa notifika importanti u oħrajn wieħed ikollu informazzjoni konkreta.

Is-Sindku qal ukoll illi ser ikun qed jieħu ħsieb jikkonferma mal-kumitat illi jista' jmexxi bil-proċeduri tas-soltu biex finalment jiġu kkonfermati t-tibdil kollu ssuġerit mill-kunsill stress.

**B. Tined Temporanji – Ħwienet**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi t-tiġdid ta' tined temporanji ġie mwaqqaf hekk kif ukoll il-kunsill kien diġa' iddeċieda illi dawn it-tined għandom biss jingħataw permess temporanju għaż-żmienijiet ta' festi.

**C. Fondi AACC- Ċentru għall-Anzjani**

Is-Sindku nforma l-kunsill bi pjaċir illi wara laqgħat li saru ma' din l-awtorita' fuq suġġeriment u ħidma tas-Sinjura Speranza Chircop u s-Seg Eżek il-kunsill ser jingħata 10k biex ikun jista' jirranġa s-sit magħruf mal-kunsill bħala IT Centre biex finalment jibda jiġi użat għal affini tal-kunsill bħal per eżempju laqgħat għal anzjani, attivitajiet u oħrajn.

**D. Laqgħa Formali- Każin tal-Malta**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin is-Seg Eżek ser tkun qed tibgħat lil kulħadd biex tinsab data u ħin tajba għal kull parti involuti biex issir laqgħa mal-każin Circolo San Ġużeppe fuq ukoll rikjesta li għamlu huma stess.

**E. Proġett Alteraqua**

Il-kunsill qabel unanimament mal-qafas ta' dan il-proġett biex jiġu rrestawrati ġibjuni u bjar fil-lokal, pero' wieħed irid ikollu nformazzjoni konkreta kif ukoll konferma li ser isiru qabel mal-istess kunsill jidħol fi spejjeż ta' 'BOQ' mal-Perit hekk kif ġie spjegat waqt laqgħa li attendiet is-Seg Eżek għaliha. Hija spjegat illi r-restawr tal-ġibjuni m'hu ser jiswa xejn lill-kunsill bħala finanzi pero' l-miżati tal-Periti ried iħallasom il-kunsill. Hija qalet illi jista' jkun jiġu ssuġeriti ġibjuni fil-lokal li finalment f'din il-fażi ta' dan il-proġett ma jsirux u l-kunsill ikun għamel nefqa sostanzjali biex isiru BOQ's u xi stħarriġ ieħor li fil-fehma tagħha dan m'għandux ikun speċjalment fis-sitwazzjoni finanzjarja li l-kunsill jinsab fiha.
Ser tkun qed tintbgħat iktar informazzjoni dwar dan il-proġett hekk kif mill-awtoritajiet ikkonċernati jiġu mibgħuta u jiġi miftiehem sew x'hemm bżonn

biex il-Kalkara tkun parti wkoll minn dan il-proġett flimkien mal-ibliet tal-Kottonera.

**1.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ;**

**A Vince Bongailas**

Is-Sur Bongailas informa l-kunsill illi fi żmien li ġej ser ikun qiegħed jagħti taħriġ ta' fitness f'isem il-kunsill lill-qaddiefa tar-regatta kif ukoll lill-players tal-football li dawn ser ikunu qiegħedin jingħaqdu flimkien għal l-ewwel darba għal dan l-istħarriġ ta' fitness.

**B. Is-Sinjura Speranza Chircop**

Is-Sinjura Speranza Chircop informat il-kunsill illi ser tkun qed taħdem fuq ħarġa oħra fix-xahar ta' Frar għal anzjani u l-familja li wkoll ser tkun qed tinkludi diskussjoni informattiva għal dawk li ser jattendu.

**1.7 Punti Ġenerali**

**1 Is-Sur Vincent Bongailas**

A. **Indafa** – Dan il-punt ġie diskuss aktar kmieni f'din is-seduta stess.

B. **Traffic Calmer** – Is-Sur Bongailas qed jissuġerixxi li ssir 'traffic calmer' in-naħa ta' isfel fi Triq il-Kapuċċini dan ukoll fuq xi lmenti li waslu għandu min xi residenti li joqgħodu fiż-żona minħabba illi qed ikun hemm min qed isuq bi speed eċċessiv fiż-żona. Il-Kunsill qabel illi għandha ssir laqgħa mar-residenti taż-żona li ser ikun qed jikkordina s-Sur Bongailas stess biex tiġi diskussa din il-materja qabel wieħed jimplementa xi ħaġa bħal dik minħabba l-fatt illi t-'traffic calmers' normalment ħadd ma jkun iridom wara biebu ħabba

raġunijiet ovvji fosthom l-istorbju li jagħmlu meta l-karozzi jgħaddu minn fuqhom.

## 2 Is-Sur Christopher Bruno

### A Vandaliżmu fil-Kalkara

Is-Sur Christopher Bruno xtaq jirringrazzja formalment lill-'community police' kif ukoll il-pulizija tad-distrett fuq ix-xogħol impekkabbli li qed jagħmlu fuq il-kwistjoni msemmija fil-heading hawn fuq.

Is-Sur Bruno qal illi tajjeb li jkun hemm xhud meta dawn it-tfal li hawn iduru jiġu mwissija bħal per eżempju tittieħed nota ta' kemm il-kunsill jagħmel rapport fuqhom u jinżamm record ħabba affini forsi li jiġu bżonn anki jekk il-problema teskala erba' t'ijiem oħra.

Is-Sur Bruno wkoll irringrazzja lis-Sindku tal-interventi tiegħu personali ma' dawn it-tfal u tal-involviment tiegħu bis-sħiħ fuq din il-kwistjoni.

Is-Sindku qal illi saħansitra kellu laqgħa mal-leap kif ukoll aġenzija żagħżagħ biex b'hekk ukoll jidħol sens ta' ħbiberija ma' dawn it-tifla u mhux biża mil-pulizija l-għaliex jemmen li dawn it-tfal għandom bżonn gwida spiritwali u mhux theddid u multi u qrati. Huwa żied jgħid illi għandu jidħol ukoll sens ċiviku minn naħa tal-kunsill.

## <u>1.8 Mistoqsijiet lis-Sindku :</u>

Ma kienx hemm.

## 1.9 Mozzjonijiet

**A** Is-Sinjura Maria Sultana qed tressaq mozzjoni sabiex tiżdied regola ma' dawk eżistenti tal-għoti ta' Ġieħ il-Kalkara fejn f'każ wara l-għeluq tad-data mis-sottomissjonijiet mill-pubbliku inġenerali ma jkun hemm l-ebda isem fl-opinjoni tal-membri tal-kunsill lokali jilħaq l-aspettativ biex jingħata l-għola titlu fir-raħal, il-kunsill lokali għandu dritt li jwarrab is-sottomissjonijiet u tiġi nnominata persuna li fl-opinjoni tal-kunsill għandu jew għandha tingħata Ġieħ il-Kalkara. F'dan il-każ kull membru tal-kunsill ikollu dritt jipproponi isem ( jew anke aktar minn wieħed) u l-persuna magħżula dejjem għandha tintgħażel bil-qbil maġġuratorju mill-membri eletti tal-istess kunsill.

Il-kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni

**B** Is-Sinjura Speranza Chircop qed tressaq mozzjoni quddiem il-kunsill biex fix-xhur li ġejjin tkun tista' taħdem fuq ħarġa indirizzata lill-persuni b'diżabbilita' jew vulnerabbli li tinkludi spiża ta' trasport apposta biex ikun jista' jġorr dawn in-nies b'mod sigur.

Il-kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni biex jinġieb dan it-trasport għal nies li għandom problema ta' mobbilta'.

## 1.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 1.23

**1.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fn-12:00am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-17 ta' Frar 2023 fis 2:30 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ________________________________

_____________________ _____________________

**Wayne Aquilina** **Elaine Caruana**
Sindku Segretarju Eżekuttiv